# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Numru: 357/2019MH**

**Illum, 30 ta' Lulju, 2019**

**Fl-attt tal-Mandat ta' Sekwetsru kawtelatorju numru 817/2018 JZM fl-imijiet:**

**Del Monte Foods (U.A.E) FZE kumpannija nkorporata u registrata bis-sahha tal-ligijiet ta' Dubai, bin-numru ta' registrazzjoni 978 u bl-indirizz ufficjali PO BOX 294484, Dubai, United Arab Emirates, kif debitament rapprezentatata mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (ID 441061M)**

***versus***

**KBC Euro Credit Limited [C 69688]**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors**[1] tas-socjeta' KBC Euro Credit Limited li gie prezentat fit-8 ta' April 2019 li permezz tieghu esponiet:

1. *"Is-socjeta intimata u esponenti KBC Euro Credit Limited giet notifikata b'Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju (Numru 817/2018) segwitu ghall-rikors ipprezentat mis-socjeta Attrici  Del Monte Foods (U.A.E) FZE u dan in konnessjoni ma' kwistjoni li kienet tinvolvi hlas ta' ammont garantit permezz ta' garanzija bankarja li s-socjeta intimata u esponenti kienet harget favur is-socjeta Attrici sabiex tiggarantixxi nuqqas ta' adempjenzi fil-hlas ta forrnituri effetwati mis-socjeta Attrici lill- klijent tas-socjeta intimata u esponenti senjatament T. Keystone Foods FZ-LLC ("T. Keystone Foods") ta' Ras Al Khaimah, Po Box 31291, U.A.E proprjeta ta' Jaber Baqer Ebrahim Baqer.*

2. *Dan is-Sekwestru Kawtelatorju gie segwit minn rikors guramentata fl-ismijiet premessi, liema rikors guramentat jinsab pendenti s-smigh quddiem dina l-Onorabbli Qorti.*

3. *Is-socjeta intimata u esponenti laqghet ghal dan billi pprezentat risposta guramentata li permezz taghha kkontestat il-fatti kif esposti mis-socjeta Attrici kif ukoll il-pretensjonijiet u t-talbiet ta' l-istess socjeta Attrici.*
4. *Is-socjeta intimata u esponenti pprezentat rikors guramentat kontra is-socjeta Attrici li permezz tieghu hija tablet lill-Qorti sabiex:*

    i. *tiddikjara u tiddeciedi li l-kumpannija Attrici hija hatja u ghalhekk responsabbli ta' kolluzzjoni fil-fabrikazzjoni ta' dokumenti bl-intenzjoni li l-kumpannija intimata u esponenti tigi ffrodati billi*

[1] Folio 1

*jinkiseb u jigi riskatat pagament minghand il-kumpannija intimata u esponenti  taht u kontra Garanzija Bankarja mahruga mill-istess kumpannija intimata u esponenti favur il-kumpannija Attrici, liema Garanzija Bankarja ma kienet qatt intiza sabiex tkopri u tiggarantixxi l-obbligi ta' hlas tal-kumpannija li verament irceviet il-fornituri minghand il-kumpanija intimata ossija l-kumpannija T. Keystone Fruits; u*

ii. *tiddikjara u tiddeciedi li l-kumpannija Attrici hija hajta u responsabbli ghat-talba u l-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 817/18 u l-Mandat ta' Qbid Numru 816/18 fl-ismijiet "Del Monte Foods (U.A.E) FZE, socjeta estera inkorporata taht il-ligijiet ta' Dubai bin-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanniji 978 u bl-indirizz ufficjali P.O. Box 294484, Dubai, United Arab Emeriates, kif deitament rapprezentata mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (ID 441061M) vs KBC Euro Credit Limited ( C 69688)" liema imsemmija mandati inhargu konsapevolment ghab-bazi ta' talba falza u frawdolenti u parti minn pjan sabiex il-kumpannija intimata u esponenti tigi frodata billi jigi riskattat pagament taht u kontra l-Garanzija Bankarja mahruga mill-kumpannija intimata u esponenti favur il-kumpannija Attrici sabiex tiggarantixxi l-obbligi ta' hlas tal-kumpannija T. Keystone Foods meta l-obbligi ta' hlas kienu ta' kumpannija ohra T. Keystone Fruits; u*

iii. *tiddikara u tiddecidedi li l-atti u l-azzjonijiet illegitimi u dannuzi fuq imsemmija maghmula b'kolluzzjoni ma' u partecipazzjoni tal-kumpannija Attrici kkawzaw danni serji lill-kumpannija intimata u esponenti; u*

iv. *tillikwida d-danni kkawzati lil u sofferti mill-kumpannija intimata u esponenti u dan anke permezz ta' periti nominandi; u*

v. *tikkundanna lill-kumpannija Attrici sabiex thallas id-danni likwidati skont u in forza tat-talba precedenti;*

*u dan bl-ispejjez u l-imghaxxijiet kontra iil-kumpannija Attrici li giet ngunta ghas-subizzjoni.*

5. *L-imsemmi rikors guramentat gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta ghad-9 ta' Mejju, 2019 [Rikors Guramentat Numru: 193/2019SM].*

6. *Dan ir-rikors odjern qieghed jigi pprezentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti li qieghda tisma' il-kaz fl-ismijiet premessi in forza ta' dak provdut fl-Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:*

7. *"Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

8. *Is-socjeta esponenti u intimata soffriet u qieghda ssofri danni ingenti kawza tal-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi u dan billi:*

i. *flejjes taghha mizmuma f'bank lokali u li jammontaw ghall-aktar minn sitt mitt elf Euro (€600,000) gew sekwestrati minn bank lokali u depozitati taht l-awtorita tal-Qorti u ghalhekk is-socjeta intimata u esponenti giet pprivata mill-uzu ta' dawn il-flejjes sekwestrati u milli l-istess flejjes jigu uzati fit-tmexxija tan-negozju taghha f'Malta; u*

ii. *giet ipprivata milli tkompli bin-negozju taghha f'Malta peress li l-kontijiet bankarji taghha gew maqbuda u sekwestrati kawza tal-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi u tinsab fil-perikolu li titlef il-licenzji taghha li permess taghhom topera f'Malta; u*

iii. *sehh il-waqfien u l-kancellament ta' approvazzjoni fil-principju (approval in principle) moghtija mill-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) riferibilment ghall-hrug ta' Licenzja ghall-Skema ta' Investiment Kollettiv (Collective Investment Scheme) li kienet tipprevedi l-kostituzzjoni ta' fond ta' investiment ta' mitejn miljun Euro. Konsegwenza ta' l-irtirar ta' l-imsemmija approvazzjoni u r-rizultanti waqfien u kancellament tal-approvazzjoni fil-principju l-investituri li kienu ser jippatecipaw fil-fond ta' investiment irtiraw l-interess taghhom. Kopja tad-dokumentazzjoni pertinenti qieghda tigi hawn ezebita u mmarkata bhala Dokument KBC 1.*

9. *L-esponent qieghed jezebixxi dokument ippreparat mill-Accountant tieghu kontenenti kalkoli tat-telf materjali arrekat konsegwenti ghall-ispedizzjoni*

*tal-imsemmi Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju. Dan id-dokument qieghed jigi mmarkata bhala Dokument KBC 2.*

10. *Daqskemm fuq naha wahda jezisiti l-argument tas-socjeta attrici li hija ghandu jkollha garanzija soddisfacenti sabiex taghmel tajjeb ghall-hlas tal-ammont minnha pretiz u mitlub minghand is-socjeta intimata u esponenti fil-kazipprezentat minnha kontra l-istess socjeta intimata f'kaz li t-talbiet tas-socjeta attrici jigu milqugha, jezisiti fuq in-naha l-ohra l-argument tas-socjeta intimata u esponenti li tippretendi li jkollha u tinghata mis-socjeta Attrici garanzija soddisfacenti li taghmel tajjeb ghall-hlas tad-danni u tal-imghaxxijiet f'kaz li l-pretensjonijiet u t-talbiet tas-socjeta intimata u esponenti fil-konfront tas-socjeta Attrici jirnexxu. Din hija l-"equality of arms" mehtiega u rikjesta sabiex process jigi kkunsidrat ekwu u gust. L-"Equality of Arms" huwa principju gurisprudenzjali tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani. Din il-Qorti tikkunsidra dan il-principju bhala wiehed fundamentali lejn l-otteniment ta' process gust u ekwu fl-ambiti kollha tal-ligi kemm dawk penali u kif ukoll dawk civili.*

11. *Proprju ghar-raguni gusta fuq esposta li s-socjeta intimata u esponenti qieghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lis-socjeta Attrici, bhala dik il-parti li tablet l-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, sabiex taghti fi zmien iffissat, garanzija sufficjenti ghall-hlas tad-danni u l-imghaxxijiet lis-socjeta intimata u esponenti, f'kaz li l-kawza promossa minn din ta' l-ahhar kontra s-socjeta Attrici ghall-hlas tad-danni u imghaxxijiet tintrebah mis-socjeta intimata u esponenti.*

*Ghaldqastant is-socjeta esponenti intimata, ghar-ragunijiet suesposti, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghogobha:*

a) *tordna lis-socjeta Attrici ghat-tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 838A of the Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta taghti fi zmien perentorju prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, garanzija sufficjenti favur is-socjeta esponenti intimata ghall-hlas lilha tad-danni u tal-imghaxxijiet f'kaz li l-kawza promossa mis-socjeta intimata esponenti kontra s-socjeta Attrici ghall-kundanna ta' responsabilita ghad-danni u l-imghaxxijiet u ghall-hlas ta' l-istess danni u imghaxxijiet tintrebah mis-socjeta intimata u esponenti; u*

b) *fin-nuqqas li s-socjeta Attrici taghti l-garanzija ordnata mill-Onorabbli Qorti konsegwenti ghat-talba maghmula fil-paragrafu precedenti u dan fiz-zmien perentorju ffisssat minn dina l-Onorabbli Qorti, thassar u tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 817/18 fl-ismijiet "Del Monte Foods (U.A.E) FZE, socjeta estera inkorporata taht il-ligijiet ta' Dubai bin-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanniji 978 u bl-indirizz ufficjali P.O. Box 294484, Dubai, United Arab Emeriates, kif deitament rapprezentata mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (ID 441061M) vs KBC Euro Credit Limited ( C 69688)".*

*Bl-ispejjez."*

Rat **ir-risposta**[2] tal-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (K.I 441061M) fil-kwalita' tiegħu premessa li giet prezentata fit-3 ta' Mejju 2019 li permezz taghha espona:

[2] Folio 28

1. *"Illi din hija risposta għar-rikors imressaq mill-intimata KBC Euro Credit Limited ("**KBC**") permezz ta' liema rikors KBC titlob lil din l-Onorabbli Qorti (1) tordna l- Del Monte Foods (U.A.E) FZE)* ***("Del Monte")*** *sabiex ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12 Del Monte (1) tagħti "garanzija suffiċjenti favur KBC għall-ħlas lilha [lil KBC] tad-danni u tal-imgħaxxijiet f'każ li l-kawza promossa [Rik:193/2019SM] mis-soċjeta intimata esponenti kontra s-soċjeta Attrici [Del Monte] ... tintrebaħ mis-soċjeta intimata u esponenti [KBC]" u fil-każ li Del Monte tiġi ordnata tħallas tali garanzija u tonqos milli tagħmel dan (2) tordna li titneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelataorju 817/2018.*

2. *Illi r-rikors odjern huwa irritu, ibbażat fuq drittijiet li ma jeżistux u agħar minn hekk jagħti rendikont fattwali żbaljat lil din l-Onorabbli Qorti billi, fl-umli opinjoni tal-esponenti b'disinn u mhux bi żvista, jinsa jsemmi l-aktar ħaġa importanti ossija li* ***din il-Qorti diġa' semgħet u trattat rikors ieħor ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 fuq dan l-istess mandat u ċaħdet dik it-talba permezz tad-digriet tagħha tal-27 ta' Lulju 2018 (hawn anness u mmarkat DOK A). Huwa bil-wisq evidenti li tali digriet minnu ma hemmx dritt ta' appell la dirett u lanqas indirett billi parti tittenta terġa' tressaq l-istess rikors ftit xhur wara.*** *Dan il-fatt waħdu u l-fatt li dawn l-atti ġew konvenjentement mistura minn din il-Qorti juru l-animu wara dan ir-rikors u l-manipolazzjoni ta' atti ġudizzjarji li qiegħed iwettaq il-Bank konvenut KBC li qed jipprova minn kollox sabiex eventwalment ma jonorax il-garanzija bankarja maħruġha minnu. Bir-rispett, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tissanzjona dawn il-maniġġji.*

3. *Il-fatti kif verament seħħew huma s-segwenti:*

a. *Mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 817/2018JZM ippreżentat u akkordat fis-17 ta' Mejju 2018;*

b. *Mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 816/2018JZM ippreżentat u akkordat fis-17 ta' Mejju 2018;*

c. *Rikors Ġuramentat numru 522/2018MH ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2019 li jikkontjeni t-talbiet kawtelati mill-mandati kawtelatorji msemmija fil-punti (a) u (b) hawn fuq;*

d. *Ċedola ta' depożitu tas-soċjeta' Bank of Valletta p.l.c (C 2833) tas-6 ta' Ġunju 2018 fis-somma ta' sitt mija u ħdax –il elf, seba' mija u tmienja u ħamsin Ewro u sitt ċenteżmi fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 817/2018JZM (kopja fotostatika hawn annessa u mmarkata bħala '**DOK B'**);*

e. *Rikors tal-bank konvenut KBC bin-numru 596/2018 ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2018 għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 817/2018JZM taħt l-Artikoli 836 u 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

f. *Risposta ta' Del Monte għar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2018;*

g. *Digriet ta' din il-Qorti fuq ir-rikors numru 596/2018MH għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tas-27 ta' Lulju 2018;*

h. *Illi l-kawża 522/2018 tinstab fi stadju bikri fejn is-soċjeta Del Monte għadha kif bdiet tressaq il-provi tagħha u tinstab differita għat-22 ta' Mejju 2019;*

i. *Illi fil-mori tad-differiment bejn l-ewwel dehra fid-9 ta' Novembru 2018 u t-tieni seduta tas-6 ta' Frar 2019, il-bank konvenut KBC biddel l-avukat difensur u Dottor Pio Valletta assuma l-patronċinju waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2019;*

j. *Illi l-bank konvenut ippreżenta rikors ġuramentat bin numru 193/2019SM ("**kawża 193/2019SM**") kontra Del Monte bħala konvenut b'lanjanzi li fl-umli fehma tal-esponenti ma jikkostitwixxu xejn għajr sensiela ta' dikjarazzjonijiet inveritieri magħquda ma' diversi konġetturi varji intiżi sabiex jagħtu s-sembljanza skorretta li teżisti xi lanjanza gravi bejn il-partijiet. Ir-realta' hija ferm aktar bażika minn hekk:- is-soċjeta' Del Monte kellha tressaq f'kawża li l-mertu tagħha huwa sempliċi ħafna kontra l-attriċi odjerna, bank liċenzjat hawn Malta, (Rik Nru: 522/2018) għal ksur tat-termini taħt garanzija bankarja, garanzija mhux onorata. It-tieni kawża tislet u tnisslet minn dik il-kawża sempliċement sabiex tistultifika l-kawża l-oħra, tagħti x'jifhem lill-ġudikant fil-kawża l-oħra illi hemm aktar x'wieħed jindaga milli sempliċi garanzija bankarja u b'hekk ittawwal tali eżekuzzjoni sempliċi. Dan kollu iżda huwa mertu u jeżorbita l-analiżi ta' din il-Qorti fir-rikors odjern;*

k. *Illi Del Monte ippreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha fl-atti tar-rikors 193/2019SM fit-30 t'April 2019 permezz ta' liema*

*risposta irrispinġiet l-allegazzjonijiet bħala manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt;*

l. *Illi fit-8 t'April 2018, il-bank konveut KBC ippreżenta r-rikors odjern taħt l-Arikolu 838A fejn għal darb' oħra jitlob lil Qorti tornda lil Del Monte sabiex tagħti garanzija sufficjenti fil-każ li l-kawża 193/2019SM, u ċoe kawża oħra u distinta minn dak li l-mandat ta' sekwestru huwa intiż sabiex jikkawtela, tintrebaħ mis-soċjeta KBC.*

4. *Min-naħa legali imbagħad hemm numru ta' kunċetti li dan ir-rikors odjern imur dijametrikalment kontrihom:*

(i) *Mhux minnu li huwa awtomatiku li kull meta jinħareġ mandat kawtelatorju il-parti eżekutanti trid tagħti garanzija sabiex ikun hemm 'equality of arms'. Il-proċedura ikkontemplata taħt l-Artikolu 838A anzi hija rarissima u eċċezzjonali u għandha tiġi biss milħuqa f'ċirkostanzi straordinarji u għar-raġunijiet impellenti;*

(ii) *Illi l-ordni sabiex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna għal-ħlas ta' danni. Il-principju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilta' ghad-danni,* ***sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi.*** *Il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru 817/2018 inħarreġ skont il-paramentri tal-liġi hekk kif* ***diġa*** *ippronunzjat ruħha din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet tagħha fl-atti tal-istess mandat tas-27 ta' Lulju 2018 biex b'hekk it-talbiet preċedenti*

*sabiex il-mandat kawtelatorju jiġi revokat u f'alternattiv Del Monte tagħti garanzija, ġew miċħuda.*

(iii) *Illi in oltre, d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma dawk li l-intimat eżekutant, u ċioe KBC, jista' jipprova li jkun ġarrab* ***direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ*** *u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Għal dan KBC issostni li qiegħda ssofri danni ingenti kawza tal-mandat ta' sekwestu billi allegatament bħala konsegwenza għall-mandat ta' sekwestru akkordat fis-17 ta' Mejju 2018, seħħ il-waqfien u l-kanċellament ta' approvazzjoni fil-prinċipju (in principle approval) mgħotija mill-Awtorita' għas-servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) għall-ħruġ ta' liċenzja għall-Skema ta' Investment Kollettiv li kienet tipprevedi l-kostitutuzzjoni ta' fond ta' investiment ta' mitejn milun Ewro. In sostenn għal dan, fir-rikors de quo KBC tannetti dokument mmarkat bħala 'KBC 1', ittra mill-MFSA datat 15 January 2018 li permezz ta' liema ittra l-MFSA telenka numru ta' 'Pre-licensing conditions that this in-principle approval is subject to the satisfactory resolution' minn (i) sa (ix) li kellhom jiġu soddisfatti "within a time period of three months from the date of this letter" u ċioe sal-15 ta' Marzu 2018. Fil-każ li dawn ma jiġux kollha sodisfatti fi tlett xhur mid-data tal-ittra, l-approvazzjoni fil-prinċipju jiskadi ("should the three months elapse without the satisfactory resolution of all pre-licensing conditions, this in principle approval issued to the Scheme [KBC] will cease to have effect). Illi dawn it-tlett xhur skadew fil-15 ta' Marzu 2018, ferm qabel id-data tal-preżentata u tal-akkordament tal-mandat ta' sekwestru 817/2018 tal-17 ta' Mejju 2018. Tant hu*

*hekk illi fl-ittra tal-MFSA datata 2 ta' Lulju 2018, l-Awtorita stqarret illi "in view of the above and* ***taking into consideration the fact that the pre-licensing conditions were no satisfied within the period of three months****, the in-principle approval has ceased to have effect and accordingly the application is hereby being shelved". Illi b'hekk il-kanċellament tal- approvazzjoni fil-prinċipju ma għandu ebda korrelazzjoni mal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru li l-aħħar mill-aħħar huwa dritt indiputabbli tas-soċjeta attriċi u fi kwalunkwe kaz ma għandux jitpoġġa limitu fuq il-possibilita li terz bhal Del Monte ifittex li jipproteġi d-drittijiet leġittimi tiegħu ghaliex jaf ikun hemm riperkussjonijiet regolatorji fuq KBC. Fl-aħħar mill-aħħar kif jingħad bit-Taljan 'chi e' causa del suo mal pianga se stesso' biex b'hekk huwa l-aġir ta' KBC li kkawża dan kollu mhux is-sempliċi fatt li Del Monte leġittimament qed tipproteġi drittijietha permezz tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.*

(iv) *Il-fatt li hareġ mandat ma jfissirx li b'mod awtomatiku teżisti "kawża ġusta" sabiex tingħata garanzija taħt l-Artikolu 838A. Il-Qrati tagħna regolarment ritenew illi l-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet tal-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bid-dovut rispett, jingħad ukoll li l-uniku ċirkostanza ġdida li jaf biha l-esponent huwa l-bdil fil-patroċinju legali tar-rikorrent. Naturalment il-fatt li KBC inbiddlet l-avukat diffensur tagħha mhuwiex tibdil fiċ-ċirkostanzi jew kawża ġusta li timmerita l-ħruġ ta' garanzija taħt l-Artikolu 838A tal-Liġijiet ta' Malta.*

(v) *Il-Qorti fid-digriet tas-27 ta' Lulju 2018 irreteniet:*

> *"Il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju huwa l-kaz ghal applikazzjoni ta' dan l-artikolu dana għax ma ssibx li ntweriet kawza gusta biex dan isir oltre l-fatt li li statements finanzjarji tas-socjeta' Del Monte [Fol 181 et seq] ma jurux li hemm lok ta' tħassib serju dwar il-likwidita' tagħha f'kaz li eventwalment tqum kwistjoni ta' ħlas ta' danni, penali jew imgħax."*

*Jingħad b'mod kategoriku illi* ***ma nbidlet propju ebda ċirkostanza*** *minn dik in-nhar li l-Qorti ippronunzjat ruħha għal-lum.*

*Dan tant hu minnu illi kif ma diġa ingħad fir-risposta preċedenti ta' Del Monte għar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' KBC tat-8 ta' Ġunju 2018, Del Monte* ***kienet u għadha*** *fi stadju finanzjarju stabbli b'reputazzjoni tajba (ara estratt tal-'Quarterly Financial Statement for the quarterly period ended 29 March 2019' hawn anness u mmarkat bhala '****DOK C****'. Ara ukoll estratt tal-'Quarterly Financial Statement for quarterly period ended 30 March 2018' fol. 181 et seq tal-proċess). Dan jur biċ-ċar li s-sitwazzjoni finanzjarja ma nbiddlet propju xejn. Dan ukoll ġie rikonoxxut b'mod espliċitu mis-soċjeta KBC fir-rikors tagħha tat-8 ta' Ġunju 2018. Għalhekk huwa kontro-intuwittiv għall-bank konvenut KBC li minn banda jirrikonoxxi s-saħħa ta' Del Monte bħala kummerċjant, iżda xorta waħda għat-tieni darba jerġa jitlob il-Qorti sabiex tornda lil Del Monte tagħti garanzija bħala sigurta' fil-każ li jitneħħa l-att kawtelatorju u jiġi impost xi penali jew danni.*

*Illu ukoll id-dokument anness mar-rikors de quo u mmarkat KBC 1, l-ittra tal-MFSA tal-15 ta' Jannar 2018,* ***diġa*** *ġie ippreżentat minn KBC fl-atti tal-mandat 817/2018 waqt it-trattazzjoni li sar fis-27 ta' Lulju 2018 għal-ewwel rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru tat-8 ta' Ġunju 2018.*

*Illi b'hekk KBC naqas milli juri lil din l-Onorabbli Qorti kawża ġusta jew bdil fiċ-ċrkonstanzi kif tirrikjedi l-liġi biex b'hekk din it-talba taħt Artikolu 836A għandha tiġi miċħuda.*

5. *Illi jekk hu minnu li teżisti l-possibilita' li KBC jsofri dannu, KBC għandu obbligu li jimminimizza tali dannu. Bħala bank liċenzjat sabiex propju joffri faċċilitajiet ta' kreditu u ħruġ ta' garanziji bankarji fost affarijiet (ara kopja fotostatika tal-liċenzja maħruġa mill-MFSA hawn annessa u mmarkat bħala '****DOK D')****, għandu jkun familjari b'tali mekkaniżmi u għalhekk wieħed jippretendi li għandha tkun haġa loġika u mistennija li KBC għandu jagħti garanzija bankarja favur Del Monte għas-somma pretiż pendenti proċeduri fuq il-mertu sabiex jimminima tali allegat dannu li qiegħed isoffri. Jekk lanqas ma huwa kapaċi jagħmel dan, dan huwa ferm inkwettanti għaliex wara kollox is-somma depożitata hija ta' sitt mija u ħdax –il elf, seba' mija u tmienja u ħamsin Ewro u sitt ċenteżmi minn talba ta' tliet miljun Dollar Amerikan ($3,000,000) ekwivalenti għal żewġ miljun, sitt mija u disa' u tmenin elf, u ħamsin Ewro (€2,689,050.00) bir-rata ta' skambju tal-lum u b'hekk iktar u iktar timmerita li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ. Di piu, mhux talli l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju m'għandux jiġi revokat u Del Monte ordnata li tagħti garanzija, iżda minħabba id-diskrepanza sostanzjali bejn dik is-somma ddepożitata u s-somma*

*pretiża ta' €2,689,050.00, hemm bzonn li KBC jinforma lis-soċjeta attriċi Del Monte kif ser jikkawtela dan in-nuqqas b'mod immedjat;*

6. *Dan kollu iżda huwa rrilevanti f'dan l-istadju izda għaliex jeżorbita l-* ***prima facie.*** *Kemm il-ħruġ tal-mandat kif ukoll kull azzjoni taħt id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 836 u 838A tal-Kap. 12 huma strettament limitati fuq il-bazi tal-prima facie u jekk il-Qorti ċċaqlaq l-istatus quo odjern wara li diġa ppronunzjat ruħha permezz tad-digriet tas-27 ta' Lulju 2018, tkun qed tirriskja li tkun esprimiet ruħha fuq il-mertu li f'dan il-każ huwa ferm vicin /dipendenti fuq dak li diġa intqal s'issa;*

*Għaldaqstant, għal dawn ir-ragunijet u r-ragunijiet l-oħrajn li ser jitressqu fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet u oralment jekk din il-Qorti hekk jidhrilha, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-rikors tas-soċjeta sekwestrata bl-ispejjez ta' dawn il-proċeduri kontra l-istess soċjeta sekwestrata."*

Rat id-digriet tagħha datat 8 ta' April 2019.

Rat l-atti kollha ta' dan ir-rikors

**Ikkonsidrat**

Illi l-bank eżekutat jikkontesta dak invokat mis-sekestranta soċjeta' li hawn non si tratta ta' kaz/digriet li għadda in ġudikat n kwantu għal-talbiet identiċi ġia eżaminati u prċedentement degretati minn din il-Qorti kif presjeduta, b'digriet esebit f'dawn l-atti bħala Dok A, riferibilment dak datat 27 ta' Lulju, 2018.

Illi huwa minnu li hawn il-bank ezekutat qed iressaq l-istess żewġ talbiet ġia deċiżi fl-imsemmi diġriet. B'dan pero illi huwa jvanta ċirkostanzi ġodda bħala bażi ta' dan.

Għalhekk jinħtieg li l-bank eżekutat li juri lil din il-qorti li qed iressaq it-talba in eżami għax seħħew ċirkostanzi ġodda *a prescindere* u diversi minn dawk ġia ezaminati preċedentement.

Superati dan l-ostaklu taċ-ċirkostanzi ġodda, jibqa dejjem inkombenti fuq ir-rikorrenti li juri kawza ġusta biex l-ewwel talba tiegħu mposta taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12 isib suċċess.

Da parti tiegħu il-bank rikorrenti jippropni bħala ċirkostanzi ġodda l-fatt illi issa hu saħansitra ressaq rikors ġuramentat għat-tfittxija, likwidazzjoni u kundanna għal ħlas ta' danni kontra s-soċjeta' Del Monte; 193/2019SM.

Iqies li hija *"kawza ġusta"* li a bażi tal-prinċipju ta' *"equality of arms"* il-bank għandu ukoll jiġi akkordat a favur tiegħu garanzija għal ħlas ta' danni u penali mposta fuq is-soċjeta' Del Monte. Il-bank sekwestrat rikorrenti jqies dan bħala proċess ġust u ekwu.

Frankament din il-Qorti ssib dan l-argument fjakk u legalment insostenibbli u tħaddan kull oġġezzjoni għal dan imressqa mill-intimata soċjeta sekwestranti. Il-fatt li sekwestrant ġie akkordat jew jista jiġi akkordat ġaranzija in segwitu għal att kawtalatorju ieħor mhux u m'għandux ikun garanżija awtomatika lis sekwestrat jkollu l-istess dritt f'dawn il-proċeduri. Hawn *non si tratta* ta' istanza ta' *equality of arms*, parapatta, *sic et simplicitur* jew jissusistu l-ingredjenti li trid il-liġi għal imposizzjoni tal-garanzija jew it-talba tfalli.

Inoltre Il-fatt biss li ġie presentat rikors ġuramenta mill-bank rikorrenti kontra s-soċjeta' Del Monte ma tista qatt tikkwalifika bħala dik il-kawza gusta li trid il-

liġi . F'dan l-argument il-bank huwa ukoll żbaljat. Il-kawza ġusta li titlob il-liġi ma tista qatt tkun rizultat ta' presentata ta' rikors ġuramentat għax kieku l-artikolu 838A invokat jkollu applikazzjoni awtomatika. Dan il-fatt waħdu jista jiġi meqjus bħala ċirkostanza ġdida fir-relazzjoni bejn il-partijiet, imma dan biss hu l-impatt tiegħu.

Tqies ukoll illi l-bank ivvanta bħala gusta kawza li fuqha qiegħed jibbaza t-talba tiegħu d-danni minnu sofferti bil-manadt ta' sekwestru attakat in kwantu kif jallega hu spiċċa soffra telf finanzjarju sostanzjali meta minħabba l-istess att kawtelatorju tilef l-approvazzjoni fil- prinċipju, (*in principle approval*) maħrug a favur tiegħu mill-Awtorita' Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Pero anke f'dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma l-oposizzjoni ta' l-intimata Del Monte nkwantu huwa ċar li tali approvazzjoni ntilfet wara t-tlett xhur mposti mill-MFSA biex il-bank jissodisfa ċertu kundizzjonijiet, *pre-licensing conditions,* li skadew ferm qabel ma ġie akkordat il-mandat ta' sekwestru. Fil-fatt l-ittra rikjedenti dawn il-pre-*licensing conditions* hija datata 15 ta' Jannar, 2018, konsegwetement it-tlett xhur iddekorrew u skadew f'April. Għalkemm jidher li l-ittra lil bank ġie mgħarraf lil *principle in approval* tilef l-effet tiegħu hija datata 2 ta' Lulju, 2018, **jirizulta** lil mandat ta' sekwestru ġie akkordat fis-17 ta' Mejju, 2018. ( Ara atti annessi mar-rikors promutur: Dok KBC1) għalhekk ferm wara l-iskadenza msemmija.

Tenut dak kollu premess hu meqjus illi r-rikorrenti Bank naqas li jissodisfa iddettami tal-liġi fil-konfront tat-talba mressqa. Isir ukoll referenza għal dak li ġia qalet il-Qorti fir-rigward fid-digriet tagħha suriferit, u ma dan temfasizza illi ma tara ebda ragunijiet għal ebda imposizzjoni ta' ebda sanzjoni fuq is-soċjeta' Del Monte għax fi kliem dak li ngħad fil-provediment **Jamar Malta**

**Ltd vs Office Group Ltd**[3] tali sanzjoni *"...x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."* . Dan ma jsib ebda applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha bi spejjez għar-rikorrenti.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**

[3] P.A.JRM; 10.08.2012